**QORTI KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. EDWINA GRIMA., LL.D.**

**Att. t'akkuza Nru. 15/2014**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Fabio Psaila**

**Illum, 31 ta' Mejju 2017**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 15 tas-sena 2014 kontra l-akkuzat Fabio Psaila, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 318874M, fejn l-Avukat Generali fl-ewwel kap ipremetta:

Illi fil-wieħed u għoxrin ta' Novembru 2010, uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija ġew infurmati li l-akkużat kien involut f'sensiela ta' reati li kienu seħħew f'Malta u li kienu ta' natura serja u dan billi kien involva lilu nnifsu fl-organizazzjoni u fl-ippjanar ta' dawn ir-reati kriminali li ġew kommessi ma persuni oħra. Allegatament skond l-informazzjoni mogħtija dawn il-persuni fosthom l-akkuzat, kienu diġa fil-proċess li jorganizzaw u li effettivament jikkomettu reati serji oħrajn li fortunatament qatt ma ġew fis-seħħ.

Illi mill-investigazzjonijiet li seħħew irriżulta mill-informazzjoni li wasslet lill-pulizija mingħand kuntistabbli tal-pulizija numru 99 Mario Portelli (PC99) illi l-akkużat kien jifforma parti minn organizzazzjoni kriminali li kien involut fl-orkestrar ta' dawn ir-reati u dan flimkien ma persuni oħra. Dawn l-inċidenti kienu prinċipalment serqiet jew tentattivi ta' serq bil-parteċipazzjoni ta' żewġ persuni jew aktar, u bl-uzu ta' armi u mezzi oħrajn, senjatament *hold-ups* ta' sommom kbar ta' flus li seħħew fil-Bank tal-HSBC fost postijiet oħrajn u li seħħew fuq medda ta' żmien. Irriżulta li l-akkużat kien jifforma parti minn din l-organizazzjoni u kien allegatament anki pparteċipa fil-kummissjoni tad-dellitti orkestrati. Apparti minn hekk l-akkużat kien jiffrekwenta persuni li kienu involuti fil-kriminalita' u li sussegwentement ġew ukoll mixlija l-Qorti fuq akkużi dwar ir-reati kommessi u relevanti għal din l-organizazzjoni kriminali. Irriżulta wkoll mill-investigazzjonijiet li kienu qed isiru waqt il-kummissjoni ta' dawn ir-reati u anka wara dak irrapurtat minn PC99 li din l-informazzjoni kienet tikkombaċja ma' provi li kienu rriżultaw fiż-żmien tal-kummissjoni tad-delitti riferuti jew alternattivament ma provi li rriżultaw permezz tax-xogħol investigattiv tal-pulizija li wassal għal dawn il-proċeduri kontra l-akkużat.

Illi b'għemilu Fabio Psaila sar ħati talli appartjena għal-għaqda ta' żewġ persuni jew aktar li hija ġiet promossa, organizzata u ffinanzjata bil-ħsieb li jagħmlu reati kriminali li għalihom jistgħu jeħlu l-piena ta' priġunerija għal zmien erba' snin jew iktar.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati fejn fosthom kien hemm dellitti ta' serq ikkwalifikat u/jew sempliċi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża Fabio Psaila, reċidiv f'dellitt, ħati talli appartjena għal-għaqda ta' żewġ persuni jew aktar li

hija ġiet promossa, organizzata u ffinanzjata bil-ħsieb li jagħmlu reati kriminali li għalihom jistgħu jeħlu l-piena ta' priġunerija għal zmien erba' snin jew iktar; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux aktar minn sitt snin (6) u mhux inqas minn sena (1) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 83A(1)(2), 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**<u>Fejn l-Avukat Generali fit-tieni kap ipremetta:</u>**

Illi fit-30 ta' Ġunju tas-sena 2010 għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7:30pm) tlett persuni armati libsin maskra, parrokka, ingwanti, mustaċċi foloz, nuċċalijiet tax-xemx u libsa tax-xogħol daħħlu fil-fergħa ewlenija tal-Bank HSBC Ċentru Rużar Briffa, ġewwa Ħal-Qormi filwaqt li kien għad hemm xi persuni jaħdmu hemmhekk, prinċipalment persuni addetti mas-Sigurta' tal-Bank u oħrajn li kienu qed jagħmlu ix-xogħol tagħhom fil-cash centre tal-istess bank. Huma għamlu dan billi akkwistaw aċċess illeċitu u mhux awtoriżżat minn wieħed mill-bibien tal-emerġenża tal-bank li jeċċedi

għal *control room* tal-bank u dan bl-iskop li jisirqu l-flus mill-Vault tal-Bank. Wieħed mill-persuni involuti kien l-akkużat f'dawn il-proċeduri.

Illi jirriżulta mill-investigazzjonijiet illi wara li l-aggressuri rnexxielhom jakkwistaw aċċess illegali għal ġol-bank huma ħadu kontroll illeċitu tal-persuni li kienu fil-fergħa fil-mument tal-intruzjoni, fosthom persuni addetti mas-Sigurta kif ukoll il-*manager* tal-Bank li kien għadu qed jaħdem l-uffiċju dak il-ħin,  u sussegwentement u permezz ta' theddid ta' l-uzu tal-armi li kienu fil-pussess tagħhom, l-aggressuri akkwistaw aċċess għal ġol-*control room* tal-bank fejn daħħlu lil kull min kien taħt il-kontroll tagħhom u rabtulhom idejhom. Irriżulta wkoll li wieħed mill-malviventi kien qiegħed jitkellem telefonikament dwar l-andament tas-serqa ma persuna li ma kienitx daħlet fil-bank magħhom. Madankollu is-serqa ma ġietx ikkunsmata peress li f'daqqa u l-ħin intervjenew il-pulizija li kienu ġew infurmati minn sorsi barra l-Bank bis-serqa li kienet qed iseħħ u b'hekk il-malviventi ħarbu mill-Bank qabel ma laħqu kkomettew is-serqa intenzjonata u ppjanata. Jirriżulta wkoll li ġew sparati tiri ta' arma tan-nar fid-direzzjoni tal-pulizija li interċettaw is-serqa u li ppruvaw jarrestaw il-malviventi huma u ħerġin mill-Bank. Fil-pront tfaċċat vettura misjuqa b'veloċita' eċċessiva u wara li d-delinkwenti rikbuha l-vettura bl-okkupanti ħarbet isuq minn fuq il-post waqt li komplew l-isparaturi fid-direzzjoni tal-pulizija u dawn minn min kien fil-vettura u li kienu l-istess persuni li kienu fil-bank jikkomettu r-reat, fosthom l-akkużat.

Illi kwindi jirriżulta li s-serqa li kienet bdiet fl-eżekuzzjoni tagħha, ġiet sfrattata minħabba xi ħaġa aċċidentali u independenti mir-rieda tal-aggressuri fosthom, l-akkużat Fabio Psaila. Li kieku l-pulizija ma ntervjenewx u għaldaqstant li kieku din is-serqa ġiet ikkunsmata kienet tkun aggravata b'diversi tipi ta' vjolenza, bil-mezz u bil-valur li ndubjament kien jeċċedi elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37).

Illi b'referenża għall-ewwel kap ta' din l-Att tal-akkuża u tal-fatti hemmhekk indikati, a bażi tal-investigazzjonijiet li kienu qed isiru mill-pulizija Ezekuttiva u in vista wkoll tal-informazzjoni li kellhom, irriżulta li fost id-delitti li fihom kellu x'jaqsam l-akkużat Fabio Psaila, it-tentattiv ta serq minn fergħa ewlenija tal-bank HSBC ġewwa Ċentru Rużar Briffa, Ħal-Qormi u liema inċident jifforma l-mertu ta' dan it-tieni kap, kien filfatt wieħed minn dawn id-dellitti.

Illi b'għemilhu Fabio Psaila, sar ħati bħala ko-awtur f'tentattiv ta' serq u dan billi wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu u li kieku ġie kommess kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza (tentattiv t'omiċidju/sekwestru ta' persuna, iktar minn żewġ persuni u/jew użu ta' armi), mezz (tibdil fil-wiċċ u sura, libes maskra, imfietaħ foloz) u valur (li jeċċedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jezorbita l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37);

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati fejn fosthom kien hemm dellitti ta' serq ikkwalifikat u/jew sempliċi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lil Fabio Psalia reċidiv f'dellitt, ħati bħala ko-awtur ta' tentattiv ta' serq u dan billi wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dani id-delitt, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku ġie kommess kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza (tentattiv t'omiċidju/sekwestru ta' persuna, iktar minn żewġ persuni u użu ta' armi), mezz (tibdil fil-wiċċ u sura, libsu maskra, imfietaħ foloz) u bil-valur (jeċċedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jezorbita

l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37); jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux inqas minn sitt snin (6) u mhux iktar minn tletin sena (30) b'żieda tal-piena ta' rekluzjoni għal mhux aktar minn tnax il-perijodu jew biż-żieda ta' pieni oħra stabbiliti fir-regolament tal-ħabs skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 273, 275, 277(b), 278, 279(b), 280(2), 23, 31(1)(a)(b)(i)(e), 49, 50, 289 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**<u>Fejn l-Avukat Generali fit-tielet kap ipremetta:</u>**

Illi b'referenża għall-kapi precedent ta' din l-Att tal-Akuża, u ċioe fit-30 ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7:30pm), bil-għan li l-aggressuri fosthom l-ko-akkużat Psaila jieħdu l-kontroll assolut tal-persuni li kienu fil-Bank filwaqt tas-serqa li kif indikat preċedentement, minħabba raġunijiet indipendenti u aċċidentali mir-rieda tal-istess aggressuri ma ġietx ikkunsmata, irriżulta li qabel din is-serqa ġiet

sfrattata l-aggressuri kienu ħadu l-kontroll b'mod illegali u mingħajr l-ebda awtorita li tippermettilhom ta' Jesmond Muscat li kien qiegħed fil-*control room* tal-bank u bl-użu ta' forża fuqu sejħu lil kuntistabbli numru 1310 Dominic Bugeja (PC1310) li kien qiegħed xogħol mal-Bank bħala uffiċjal tas-sigurta mal-bank in kwistjoni bil-pretiża li s-surġent inkarigat minnu ried ikellmu telefonikament. Malli kien dieħel fil-*control room*, l-istess PC1310 ġie arrestat illegalment billi l-aggressuri għamlu pistola ma rasu. Apparti minn PC1310 u Jesmond Muscat, d-delinkwenti fosthom l-akkużat Psaila kienu anki ssekwestraw u żammew kontra r-rieda tagħhom lil Ivan Azzopardi li huwa addett mal-bank HSBC u dan billi l-istess delinkwenti fosthom l-akkużat msemmi użaw l-armi li kienu fil-pussess tagħhom sabiex jintimidaw lill-vittmi kollha msemmija b'tehdid ta' offiżi fuq il-persuna tagħhom fin-nuqqas ta' kooperazzjoni magħhom bil-għan tas-serqa tal-flus mill-bank. Apparti minn hekk id-delinkwenti, fosthom l-akkużat Psaila kienu anki rabuthom wara li ħaduhom ilkoll kontra r-rieda tagħhom u taħt it-theddida tal-armi, ġewwa l-*control room* tal-bank. Effettivament dan kollu kien sar sabiex id-delinkwenti fosthom l-akkużat jkollhom kontroll fisiku u psikoloġiku fuq il-vittmi tagħhom u bil-għan ta estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra mill-bank dejjem kontra r-rieda tal-istess vittmi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Fabio Psaila sar hati bħala ko-awtur talli bla ordni skond il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuni kontra l-volonta tagħhom, jew ta l-post biex fiħ dawn il-persuni jiġu arrestati, miżmuma jew issekwestrati, b'dan illi il-persuni arrestati, miżmuma jew issekwestrati ġew offiżi fuq il-persuna tagħhom jew mhedda bil-mewt u/jew id-dellitt ikun sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, jew biex il-persuni oħra jkunu mġiegħla jaċċettaw li jagħmlu xi trasferiment ta' ħwejjiġhom.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena

elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati fejn fosthom kien hemm dellitti ta' serq ikkwalifikat u/jew sempliċi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Fabio Psaila, reċidiv f'delitt, ħati bħala ko-awtur talli bla ordni skond il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuni kontra l-volonta tagħhom, jew ta l-post biex fiħ dawn il-persuni jiġu arrestati, miżmuma jew issekwestrati, b'dan illi il-persuni arrestati, miżmuma jew issekwestrati ġew offiżi fuq il-persuna tagħhom jew mhedda bil-mewt u/jew id-dellitt ikun sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, jew biex il-persuni oħra jkunu mġiegħla jaċċettaw li jagħmlu xi trasferiment ta' ħwejjiġhom; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux aktar minn erba' snin (4) u mhux inqas minn tlettax il-xahar (13) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 86, 87(1)(c)(e), 17, 23, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**<u>Fejn l-Avukat Generali fir-raba' kap ipremetta:</u>**

Illi b'referenża għall-kapi precedent ta' din l-Att tal-Akuża partikolarment għaċ-ċirkostanzi ravviżati fit-tieni kap, u ċioe fit-30 ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7:30pm), bil-għan li l-aggressuri fosthom l-akkużat jieħdu l-kontroll assolut tal-persuni li kienu fil-Bank filwaqt tas-serqa li kif indikat preċedentement, minħabba raġunijiet indipendenti u aċċidentali mir-rieda tal-istess aggressuri ma ġietx ikkunsmata, irriżulta li qabel din is-serqa ġiet sfrattata l-aggressuri kienu ħadu l-kontroll ta' Ivan Azzopardi li kien qiegħed fil-*control room* tal-bank u bl-użu ta' forża fuqu sejħu lil kuntistabbli numru 1310 Dominic Bugeja (PC1310) li kien qiegħed xogħol mal-Bank bħala uffiċjal tas-sigurta mal-bank in kwistjoni bil-pretiża li s-surġent inkarigat minnu ried ikellmu telefonikament. Malli kien dieħel fil-*control room*, l-istess PC1310 ġie arrestat illegalment billi l-aggressuri għamlu pistola ma rasu u serqulu l-arma tas-servizz li kienet fil-pussess tiegħu f'dak il-mument u ċioe' arma tan-nar tal-għamla Glock bin-numru serjali BSX827. Irriżulta wkoll li l-valur tal-arma in kwistjoni kien ta' erba mija tlieta u erbgħin Euro u ċenteżmu (€443.01).

Illi b'għemilu l-imsemmi Fabio Psaila sar ħati bħala ko-awtur ta serq ta' arma tan-nar, ċioe' pistola tal-għamla Glock bin-numru serjali BSX827, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz u bil-valur tal-ħaġa misruqa li teċċedi l-valur ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda ma teċċedix elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37).

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati fejn fosthom kien hemm dellitti ta' serq ikkwalifikat u/jew sempliċi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Fabio Psaila, reċidiv f'delitt, ħati bħala ko-awtur ta' serq ta' arma tan-nar, ċioe' pistola tal-għamla Glock bin-numru serjali BSX827, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (sekwestru ta' persuna, użu ta' armi, aktar minn żewġ persuni), mezz (tibdil fil-wiċċ u sura, libes maskra, imfietaħ foloz) u bil-valur tal-ħaġa misruqa (teċċedi l-valur ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda ma teċċedix elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37); jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux aktar minn għoxrin sena (20) u mhux anqas minn sena (1) priġunerija skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 275, 277(b), 278, 279(a), 280(2), 49, 50, 289, 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**<u>Fejn l-Avukat Generali fil-hames kap ipremetta:</u>**

Illi b'referenza u fl-istess ċirkostanzi indikati fil-kapi precedent partikolarment fiċ-ċirkostanzi indikati fit-tieni kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe' fit-30 ta' Ġunju 2010 għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7:30pm), wara li s-serqa fil-bank HSBC ġiet sfrattata u preċiżament waqt li l-aggressuri kienu qedgħin jaħarbu mill-Bank sabiex jevitaw li jinqabbdu u jiġu arrestati mill-pulizija li kienu wasslu fuq il-post wara li ġew infurmati li kien hemm suspett ta' serqa fl-istess bank, il-ħallelin, fosthom l-akkużat Psaila, meta ġew rinfaċċati bil-preżenza tal-kuntistabbli tal-pulizija numru 265 Kenneth Ciangura (PC265) u l-kuntistabbli tal-pulizija bin-numru 869 Kurt Gauci (PC869), sparaw diversi tiri fid-direzzjoni tal-uffiċjali imsemmija u dan sar bl-intenzjoni doluża li dawn il-pulizija jinqatlu jew li l-ħajja tagħhom jitqiegħed f'periklu ċar. Filfatt dawn l-uffiċjali tal-pulizija kellhom jistkennu wara l-vettura tal-pulizija li kienet misjuqa minnhom sabiex ma jintlaqtux u sussegwentement anki saħansitra jirtiraw f'distanza biex jippruvaw jiminimizzaw il-periklu li kienu qed jinfaċċaw bit-tiri li kienu qed jiġu sparati lejhom. Kwindi minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tal-aggressuri l-uffiċjali ma sfawx feruti jew agħar minn hekk. Irriżulta wkoll mill-investigazzjoni li anki meta' l-aggressuri, irnexxielhom jirkbu fil-vettura li wasslet għall-ħarba tagħhom l-aggressuri fosthom l-akkużat baqgħu jisparaw fid-direzzjoni tal-uffiċjali sakemm telqu minn fuq il-post.

Illi b'għemilu l-imsemmi Fabio Psaila sar ħati bħala ko-awtur ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Fabio Psaila, reċidiv f'delitt, ħati bħal ko-awtur ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, doložament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux inqas minn tmien snin (8) u mhux aktar minn tletin sena (30) biz-zieda tal-piena ta' rekluzjoni għal mhux aktar minn tnax-il perijodu jew biż-żieda ta' pieni oħra stabbiliti fir-regolamenti tal-ħabs, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 49, 50, 31(1)(a)(b)(i)(e) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**<u>Fejn l-Avukat Generali fis-sitt kap ipremetta:</u>**

Illi b' referenza għall-fatti kif indikati fil-kapi precedenti, partikolarment fit-tieni u fil-ħames kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe fit-30 ta' Ġunju 2010

għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7:30pm), filwaqt li PC265 Kenneth Ciangura u PC869 Kurt Gauci kienu qedgħin jilqgħu t-tiri li kienu qed jiġu sparati fid-direzzjoni tagħhom mill-ħallelin, fosthom l-akkużat Psaila, u sabiex ma jintlaqtux, huma stkennu wara l-vettura tal-pulizija li kienet instaqet minnhom fuq il-post fejn seħħ dan it-tentattiv fuq ħajjithom, u dan sabiex ma jintlaqtux mid-diversi tiri ta' arma tan-nar, tant illi l-vettura tal-għamla Ford Focus bin-numru ta' reġistrazzjoni GVP598, propjeta tal-Korp tal-Pulizija, volontarjament intlaqet mit-tiri tal-aggressuri li kienu direzzjonati lejn l-uffiċjali PC265 u PC869. Wara li saru l-analizi meħtieġa irriżulta li l-valur tal-ħsarat inkorsi fuq din il-vettura kien jammonta għal ħamest elef tlett mija ħamsa u tletin Euro u tnejn u disgħin ċentezmu (€5,335.92).

Illi b'għemilu l-imsemmi Fabio Psaila sar ħati bħala ko-awtur talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Fabio Psaila, reċidiv f'delitt, ħati bħala ko-awtur talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69); jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlettax il-xahar (13) sa ħames (5) snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(a), 12, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**<u>Fejn l-Avukat Generali fis-seba' kap ipremetta:</u>**

Illi b' referenza għall-fatti kif indikati fil-kapi precedenti, partikolarment fit-tieni u fil-ħames kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe fit-30 ta' Ġunju 2010 għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7:30pm), waqt l-isparaturi li kienu qedgħin jiġu sparati mill-malviventi, fosthom l-akkużat Psaila, fid-direzzjoni ta' PC265 Kenneth Ciangura u PC869 Kurt Gauci, kien hemm vetturi ipparkjati viċin fejn kienu qedgħin jsiru dawn l-isparaturi fosthom vettura Jeep tal-għamla Toyota Cami bin-numru ta' reġistrazzjoni DBO643, propjeta ta' Nadia Micallef liema vettura sfat milquta wkoll mit-tiri li kienu qed jiġu sparati volontarjament mill-aggressuri. Wara li saru l-analizi meħtieġa irriżulta li l-valur tal-ħsarat inkorsi fuq din il-vettura kien jammonta għal elf tmien mija tlieta u sebgħin Euro (€1,873).

Illi b'għemilu l-imsemmi Fabio Psaila sar ħati bħala ko-awtur talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Fabio Psaila, reċidiv f'delitt, ħati bħala ko-akkużat talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69); jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlettax il-xahar (13) sa ħames (5) snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(a), 12, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**<u>Fejn l-Avukat Generali fit-tmien kap ipremetta:</u>**

Illi b' referenza għall-fatti kif indikati fil-kapi precedenti, partikolarment fit-tieni u fil-ħames kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe fit-30 ta' Ġunju 2010 għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7:30pm), waqt l-isparaturi li kienu qedgħin jiġu sparati mill-malviventi, fosthom l-akkużat Psaila, fid-direzzjoni ta' PC265 Kenneth Cianguraq u PC869 Kurt Gauci, kien hemm vetturi ipparkjati viċin fejn kienu qedgħin jsiru dawn l-isparaturi fosthom vettura tal-għamla Fiat Uno bin-numru ta' reġistrazzjoni LAA717, propjeta ta' Grazio Mercieca liema vettura sfat milquta wkoll mit-tiri li kienu qed jiġu sparati volontarjament mill-aggressuri. Wara li saru l-analizi meħtieġa irriżulta li l-valur tal-ħsarat inkorsi fuq din il-vettura kien jammonta għal bejn wieħed u ieħor ftit iktar minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

Illi b'għemilu l-imsemmi Fabio Psaila sar ħati bħala ko-awtur talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda ikun iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Fabio Psaila, reċidiv f'delitt, ħati bħala ko-akkużat talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda ikun iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47); jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn ħames (5) xhur u mhux aktar minn tmintax (18) il-xahar

skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(b), 12, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila Saliba datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**<u>Fejn l-Avukat Generali fid-disa' kap ipremetta:</u>**

Illi b' referenza għall-fatti kif indikati fil-kapi precedenti, partikolarment fit-tieni u fil-ħames kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe fit-30 ta' Ġunju 2010 għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7:30pm), waqt l-isparaturi li kienu qedgħin jiġu sparati mill-malviventi, fosthom l-akkużat Psaila, fid-direzzjoni ta' PC265 Kenneth Ciangura u PC869 Kurt Gauci, u filwaqt li ntlaqtu l-vetturi bin-numru ta' reġistrazzjoni GVP598, DBO643 u LAA717, intlaqat ukoll ix-*show-window* tal-istabbiliment CMP Ltd li jinstab fi Triq il-Mitħna, Qormi propjeta ta' Central Mediterranean Products Limited mit-tiri li kienu qed jiġu sparati volontarjament mill-aggressuri. Wara li saru l-analizi meħtieġa irriżulta li l-valur tal-ħsarat inkorsi fuq dan ix-*show-window* kien jammonta għal ħamest mija u wieħed u tletin Euro (€531).

Illi b'għemilu l-imsemmi Fabio Psaila sar ħati bħala ko-awtur talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda ikun iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Fabio Psaila, reċidiv f'delitt, ħati bħala ko-akkużat talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda ikun iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47); jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn ħames (5) xhur u mhux iktar minn tmintax (18) il-xahar skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(b), 12, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta'

sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**<u>Fejn l-Avukat Generali fil-ghaxar kap ipremetta:</u>**

Illi b'referenza għall-fatti kif miġjuba partikolarment b'referenża għaċ-ċirkostanzi mit-tieni sad-disa' kap ta' din l-att tal-akkuża, u ċioe fit-30 ta' Ġunju 2010 għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7:30pm), in vista tal-fatt li l-aggressuri fosthom l-akkużat Psaila kienu ħadu l-pussess tal-arma ta' PC1310 Dominic Bugeja b'mod illeċitu u in vista wkoll li din l-arma baqgħet fil-pussess tal-aggressuri u effettivament intużat waqt l-isparaturi li seħħew fid-direzzjoni tal-pulizija PC265 Kenneth Ciangura u PC869 Kurt Gauci fejn intlaqtu wkoll diversi vetturi kif ukoll ix-*showroom* tas-CMP Ltd, rriżulta li l-akkużat kien żamm l-arma tan-nar tal-għamla Glock bin-numru serjali BSX827 u dan mingħajr ma kien liċenzjat li jzomm din l-arma u li kwindi kienet fil-pussess tiegħu kontra l-liġi. Filfatt dan ġie anki vverifikat minn rappreżentanti tal-'*weapons office*' li kkonfermaw li l-akkużat Psaila ma kellu l-ebda liċenzja biex iżomm l-imsemmija arma.

Illi b'għemilu l-imsemmi Fabio Psaila sar ħati bħala ko-awtur talli żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr arma tan-nar jew munizzjon barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu u dan mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Fabio Psaila, reċidiv f'delitt, ħati talli, bħala ko-awtur, żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr arma tan-nar jew munizzjon barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu u dan mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tlett xhur (3) u mhux iżjed minn sitt snin (6) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 5(1) u 51(2)ta' l-Att dwar l-Armi (Kap 480), u l-artikoli 23, 49, 50, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**<u>Fejn l-Avukat Generali fil-hdax-il kap ipremetta:</u>**

Illi b'referenza għall-fatti kif miġjuba partikolarment b'referenza għaċ-ċirkostanzi mit-tieni sal-għaxar kap ta' din l-att tal-akkuża, u ċioe` fit-30 ta' Ġunju 2010 għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7:30pm), peress illi ġew sparati diversi tiri fid-direzzjoni ta' PC265 Kenneth Ciangura u PC869 Kurt Gauci, tal-vetturi reġistrati bin-numru GVP598, DBO643 u LAA717 u x-

*showroom* tas-soċjeta CMP Ltd, liema tiri ġew sparati barra mill-bini tal-bank HSBC fl-inħawi ta' Ħal-Qormi, u dan filwaqt li l-ħallelin, fosthom Fabio Psaila kienu qedgħin jaħarbu minn fuq il-post, anki wara li kienu rikbu ġo vann li assista l-ħarba tal-aggressuri minn fuq il-post, iriżulta li l-aggressuri sparaw diversi tiri f'post pubbliku u fl-abitat.

Illi b'għemilu l-imsemmi Fabio Psaila sar ħati bħala ko-awtur talli, mingħajr liċenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tiegħu, jew fit-toroq pubbliċi, jew fil-portijiet.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Fabio Psaila, reċidiv f'dellitt, ħati talli, bħala ko-awtur, mingħajr liċenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tiegħu, jew fit-toroq pubbliċi, jew fil-portijiet; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur (6) u mhux iżjed minn tlett snin (3) jew multa ta' mhux anqas minn ħmistax il-elf Euro (€15,000) u mhux iżjed minn ħamsin elf euro (€50,000) jew ta' dik il-multa u priġunerija flimkien skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 24(1), 29 u 33(1) ta' L-Ordinanża dwar l-Esplossivi (Kap 33) u l-artikoli 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**<u>Fejn l-Avukat Generali fit-tnax-il kap ipremetta:</u>**

Illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża, partikolarment it-tieni kap u f'dawk sussegwenti ċioe' fit-30 ta' Ġunju tas-sena 2010 għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7:30pm) fil-fergħa ewlenija tal-Bank HSBC Ċentru Rużar Briffa, ġewwa Ħal-Qormi, jirriżulta li l-akkużat Fabio Psaila, kellu diversi armi fil-pussess tiegħu konsistenti f'armi tan-nar fosthom *revolver* tal-għamla Ruger bin-numru serjali 17080274, pistola tal-għamla Colt bin-numru serjali FG64606 kif ukoll il-pistola tal-għamla Glock bin-numru serjali BSX827 li kienet għadha kif insterqet minn PC1310 Dominic Bugeja u liema armi intużaw sabiex jassistu lill-malviventi, fosthom Psaila, fit-tentattiv ta' serq, fit-tentattiv ta' omiċidju ta' PC265 Kenneth Ciangura u PC869 Kurt Gauci, u fid-danni kkaġunati fuq il-vetturi bin-numru ta 'reġistrazzjoni GVP598, DBO643 u LAA717, li kienu fl-akwati tal-bank u tax-*show-window* tal-istabbiliment CMP Ltd li jinstab fi Triq il-Mitħna, Qormi waqt li l-malviventi fosthom Fabio Psaila kienu qedgħin jaħarbu mill-arrest tagħhom. B'hekk jirriżulta li fil-mument tat-tentattiv ta' serq kif debitament aggravat kif ukoll waqt il-kummissjoni tar-reati l-oħra, l-akkużat kellu fuq il-persuna tiegħu arma tan-nar, liema arma ġiet effettivament użata fil-kommissjoni ta' l-imsemmija delitti volontarji.

Illi b'għemilu l-imsemmi Fabio Psaila sar ħati bħala ko-awtur talli, filwaqt li kien qed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna jew ta' serq, kellu fuq il-

persuna tiegħu xi arma regolari, jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti u dan mingħajr għan leġittimu.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Fabio Psaila, reċidiv f'dellitt, ħati talli, filwaqt li kien qed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna jew ta' serq, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari, jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti u dan mingħajr għan leġittimu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn ħames snin (5) skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 55(a) u 56 ta' L-Att dwar l-Armi (Kap 480) u l-artikoli 23, 31, 49, 50, 64 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) jew għal kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**Fejn l-Avukat Generali fit-tlettax-il kap ipremetta:**

Illi b'referenza għall-kapi preċedenti partikolarment fiċ-ċirkostanzi indikati fit-tieni kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe' fit-30 ta' Ġunju 2010 għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7:30pm), il-vettura li allegatament intuza mid-delinkwenti fosthom l-akkuzat, bħala l-*get-away car* minn fuq ix-xena tad-dellitt tat-tentattiv ta' serqa tal-bank HSBC irriżultat li kienet vettura tat-tip vann tal-għamla Kia Sorrento u li kellha lewn griż metalliku bin-numru ta' reġistrazzjoni LCH587. Waqt invetigazzjonijiet aktar fil-fond irriżulta wkoll li din il-vettura kienet tappartjeni lil Alfred Cauchi li meta ġie mitkellem informa lill-pulizija li din il-vettura kienet insterqet minn quddiem ir-residenża tiegħu. Filfatt irriżulta mir-records tal-pulizija li Alfred Cauchi kien irraporta s-serq ta' din il-vettura fis-16 ta' Ġunju 2010 għall-ħabta tas-6:30am u ċioe` madwar ġimgħatejn qabel seħħ it-tentattiv ta' serq fil-Bank HSBC. Skond is-sid ta' din il-vettura hu kien xtara l-vettura madwar tmien (8) snin qabel insterqitlu u dak iż-żmien kellha l-valur ta' tmintax il-elf Lira Maltin (Lm18,000) illum ekwivalenti għal madwar tnejn u erbgħin Elf Euro (€42,000).

Illi b'għemilu l-imsemmi Fabio Psaila sar ħati bħala ko-awtur ta serq ta' vettura, ċioe` Kia Sorrento bin-numru ta 'reġistrazzjoni LCH587, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur tal-ħaġa misruqa li teċċedi elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati fejn fosthom kien hemm dellitti ta' serq ikkwalifikat u/jew sempliċi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Fabio Psaila, reċidiv f'delitt, ħati bħala ko-awtur ta' serq ta' vettura, ċioe' Kia Sorrento bin-numru ta 'reġistrazzjoni LCH587, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur tal-ħaġa misruqa li teċċedi elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (meta jsir fuq vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-publiku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun ġo, dik il-vettura); jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux aktar minn għoxrin sena (20) u mhux inqas minn tlettax il-xahar (13) priġunerija, liema piena ma tingħatax fil-minimum tagħha, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(c)(g), 267, 271(g), 279(b), 280(1), 281(a), 49, 50, 289, 17, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**<u>Fejn l-Avukat Generali fil-erbatax-il kap ipremetta:</u>**

Illi b' referenza għall-fatti kif indikati fil-kapi precedenti, partikolarment fit-tieni u fit-tlettax il-kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe fit-30 ta' Ġunju 2010 għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7:30pm), il-vettura li allegatament

intuzat mid-delinkwenti fosthom l-akkuzat, bħala l-*get-away car* minn fuq ix-xena tad-dellitt tat-tentattiv ta' serqa tal-bank HSBC u ċioe il-vettura tal-għamla Kia Sorrento li kellha lewn griż metalliku bin-numru ta' reġistrazzjoni LCH587 u li kienet ġiet irrapurtata nieqsa minn sidha Alfred Cauchi kienet instabet mill-pulizija sussegwentement għall-ħarba tad-delinkwenti, fosthom l-akkużat. Irriżulta li din il-vettura kienet instabet aktar tard dakinhar tat-tentattiv ta' serqa u ċioe fl-1 ta' Lulju 2010 fi Triq E. B. Vella fil-Mosta u kienet qed tinħaraq. Irriżulta mill-analiżi li sar li minħabba l-ħsara ikkaġunata, l-vettura subiet danni irriversibbli.

Illi b'għemilu l-imsemmi Fabio Psaila sar ħati bħala ko-awtur talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Fabio Psaila, reċidiv f'delitt, ħati bħala ko-awtur talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69); jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlettax il-xahar (13) sa ħames snin (5) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(a), 12, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila

datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**<u>Fejn l-Avukat Generali fil-hmistax-il kap ipremetta:</u>**

Illi b'referenza għall-kapi precedent partikolarment it-tieni kap tal-Att tal-Akkuża u ċioe fit-30 ta' Ġunju 2010 għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7:30pm), irriżulta li apparti l-vettura Kia Sorrento bin-numru ta' reġistrazzjoni LCH587 kienet intużat ukoll vettura tal-għamla Peugeot 206 bin-numru ta' reġistrazzjoni DBL519 ai fini tas-serqa. Filfatt meta l-kuntistabbli PC265 Kenneth Ciangura u PC869 Kurt Gauci kienu fi triqthom lejn il-Bank HSBC u qabel ma seħħ il-konfront bejnhom u bejn l-aggressuri bl-użu ta' armi tan-nar, fosthom l-akkużat Psaila, kienu nnutaw din il-vettura li kienet ipparkjata fil-viċinanzi quddiem il-bank li fil-mument tal-wassla tal-pulizija ħarbet minn fuq il-post. Filfatt il-pulizija segwew din il-vettura iżda ma laħqux magħha u minflokk daru l-attenzjoni tagħhom għall-bank fejn meta wasslu seħħ dak irrapurtat fil-kapi precedent ta' din l-Att tal-Akkuża. In oltre skond xhieda okulari li kienu rrapurtaw is-serqa lill-pulizija d-delinkwenti kienu innutati jaslu l-bank f'din il-vettura qabel ma taw bidu għall-eżekuzzjoni tat-tentattiv ta' serqa in kwistjoni.

Illi meta saru investigazzjonijiet aktar fil-fond irriżulta li din il-vettura kienet tappartjeni lil Julian Sultana li meta' ġie mitkellem mill-pulizija infurmhom li

din il-vettura kienet insterqet waqt li daħal jixtri mingħand spiżerija. Filfatt irriżulta mir-records tal-pulizija li Julian Sultana kien irraporta s-serq ta' din il-vettura fl-1 ta' Ġunju 2010 minn Dingli Street, Sliema u ċioe madwar xahar qabel seħħ it-tentattiv ta' serqa fil-Bank HSBC. Skond is-sid ta' din il-vettura hu kien xtara l-vettura madwar sitt snin qabel ma nsterqetilu u dak iż-żmien kellha l-valur ta' ħamest elef tmien mitt Lira Maltin (Lm5,800) illum ekwivalenti għal madwar tlettax il-elf u ħames mitt Euro (€13,500).

Illi b'għemilu l-imsemmi Fabio Psaila sar ħati bħala ko-awtur ta serq ta' vettura, ċioe' Peugeot 206 bin-numru ta' reġistrazzjoni DBL519, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur tal-ħaġa misruqa li teċċedi elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati fejn fosthom kien hemm dellitti ta' serq ikkwalifikat u/jew sempliċi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Fabio Psaila, reċidiv f'delitt, ħati bħala ko-awtur ta' serq ta' vettura, ċioe' Peugeot 206 bin-numru ta 'reġistrazzjoni DBL519, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur tal-ħaġa misruqa li teċċedi elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (meta jsir fuq vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-publiku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa lit kun ġo, dik il-vettura); jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux aktar minn għoxrin sena (20) u mhux inqas minn tlettax il-xahar (13) priġunerija liema piena ma tingħatax fil-minimum tagħha, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(c)(g), 267, 271(g), 279(b), 280(1), 281(a), 49, 50, 289, 17, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew

għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**<u>Fejn l-Avukat Generali fis-sittax-il kap ipremetta:</u>**

Illi b' referenza għall-fatti kif indikati fil-kapi precedenti, partikolarment fit-tieni u fil-ħmistax il-kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe fit-30 ta' Ġunju 2010 għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7:30pm), il-vettura li allegatament intuzat mid-delinkwenti fosthom l-akkuzat, sabiex jaslu fuq il-post tad-delitt u li sussegwentement ħarbet minn fuq il-post meta ltaqat mal-pulizija li marru fuq il-post, ċioe il-vettura tal-għamla Peugeot 206 u li kellha lewn bajdani bin-numru ta' reġistrazzjoni DBL519 u li kienet ġiet irrapurtata misruqa minn sidha Julian Sultana kienet instabet mill-pulizija sussegwentement għall-ħarba tad-delinkwenti, fosthom l-akkużat. Irriżulta li din il-vettura kienet instabet l-għada tat-tentattiv ta' serqa u ċioe fl-1 ta' Lulju 2010 ġewwa Ħal-Qormi stess u kienet qed tinħaraq. Irriżulta mill-analiżi li sar li minħabba l-ħsarat ikkaġunati, il-vettura subiet danni irriversibbli.

Illi b'għemilu l-imsemmi Fabio Psaila sar ħati bħala ko-awtur talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Fabio Psaila, reċidiv f'delitt, ħati bħala ko-akkużat talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69); jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlettax il-xahar (13) sa ħames snin (5) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(a), 12, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-

riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**<u>Fejn l-Avukat Generali fis-sbatax-il kap ipremetta:</u>**

Illi b'referenża għall-preċedenti kapi ta' din l-att tal-akkuża partikolarment iċ-ċirkostanżi msemmija fit-tieni, l-ħmistax u s-sittax il-kap ta' din l-Att tal-akkuża u ċioe fit-tletin (30) ta' Ġunju 2010 għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7:30pm), irriżulta li l-vettura Peugeot 206 allavolja reġistrata bin-numru ta' reġistrazzjoni DBL519 kienet effettivament qed turi tarek ta' vetturi b'numru differenti u ċioe DBM 305.

Meta saru investigazzjonijiet aktar fil-fond fir-rigward tat-tarek in kwistjoni irriżulta li dawn kienu jappartjenu lill-vettura oħra tal-għamla Volkswagen Golf liema vettura kienet tappartjeni lil Vincent Zammit. Filfatt meta s-Sur Zammit ġie mitkellem mill-pulizija, hu nfurmahom illi fil-ħinijiet ta' bil-lejl (wara nzul ix-xemx) bejn l-24 u l-25 ta' Ġunju 2010 t-tarek tal-vettura tiegħu kienu nsterqu minn Triq it-Tursin ir-Riħ, Attard.

Illi b'għemilu l-imsemmi Fabio Psaila sar ħati bħala ko-awtur ta serq ta' par tarek mill-vettura VW Golf bin-numru ta 'reġistrazzjoni DBM305, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati fejn fosthom kien hemm delitti ta' serq ikkwalifikat u/jew sempliċi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Fabio Psaila, reċidiv f'delitt, ħati bħala ko-awtur ta' serq ta' par tarek mill-vettura VW Golf bin-numru ta 'reġistrazzjoni DBM305, liema serq huwa

kkwalifikat bil-ħin (is-serq ġie kommess bil-lejl, bejn iżnul u t-tlugħ ix-xemx) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (meta jsir fuq vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-publiku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun, ġo dik il-vettura); jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta'mhux aktar minn ħames (5) snin u mhux inqas minn seba' (7) xhur, liema piena ma tingħatax fil-minimum tagħha, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(f)(g), 270, 271(g), 281(b), 49, 50, 289, 17, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**<u>Fejn l-Avukat Generali fit-tmintax-il kap ipremetta:</u>**
Illi b'referenza għall-kapi preċedenti ta' din l-att tal-akkuża partikolarment iċ-ċirkostanżi indikati fit-tieni, fit-tlettax, fl-erbatax, fil-ħmistax, fis-sittax u fil-sbatax il-kap, u ċioe fit-30 ta' Ġunju 2010 u fil-ġimgħat precedenti, irriżulta wkoll illi l-Kia Sorrento li suppost kellha n-numru ta' reġistrazzjoni LCH587 u li tifforma l-mertu tat-tnax u t-tlettax il-kap ta' din l-Att tal-Akkuża, kienet qed turi tarek bin-numru DBL519 li kienu legalment jappartjenu għall-vettura misruqa Peugeot 206 li saret referenza għaliha fl-erbatax u l-ħmistax il-kap ta'

din l-Att tal-Akkuża. In oltre kif irriżulta ai termini tal-fatti tal-ħmistax u s-sittax il-kap ta' din l-Att tal-Akkuża, il-vettura Peugeot 206 kienet qed turi tarek ta' vettura oħra senjatament it-tarek bin-numru BDM305 li rriżultaw misruqa mill-vettura Volkswagen Golf appartenenti lil Vincent Zammit.

Illi l-għan ta' dan l-iskambju u użu lleġittimu ta' tarek mhux appartenenti lir-rispettivi vetturi sar bl-iskop li jinħoloq konfużjoni dwar l-identita' tal-vetturi biex b'hekk ukoll jinħoloq intralċ fl-investigazzjonijiet li l-pulizija eżekuttiva kienet qed tikkonduċi. Dawn it-tarek jikkonstitwixxu dokument legali bl-iskop ta' użu minn awtorita' pubblika għal għan ta' identifikazzjoni fil-pubbliku u b'hekk l-iskambju xjenti kif magħmul wassal sabiex d-delinkwenti, fosthom l-akkużat Psaila, li kienu responsabbli għas-serqiet tal-vetturi u tat-tarek in kwistjoni, xjentement għamlu użu ħażin ta' dawn it-tarek billi taw informazzjoni żbaljata għall-finijiet illeċiti tagħhom.

Illi b'għemilu l-imsemmi Fabio Psaila sar ħati bħala ko-awtur talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura numru LCH587 ma dawk tal-vettura numru DBL519 kif ukoll waħħal n-numri misruqa ta' vettura numru DBM305 fuq vettura numru DBL519.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Fabio Psaila, reċidiv f'delitt, ħati bħala ko-awtur talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew

ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura numru LCH587 ma dawk tal-vettura numru DBL519 kif ukoll waħħal n-numri misruqa ta' vettura numru DBM305 fuq vettura numru DBL519; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux iżjed minn tlett (3) snin jew multa skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 188(1), 11, 49, 50, 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**<u>Fejn l-Avukat Generali fid-dsatax-il kap ipremetta:</u>**

Illi b'referenza għall-kapi precedent ta' din l-att tal-akkuża partikolarment iċ-ċirkostanżi indikati fit-tieni, fit-tlettax, fl-erbatax, fil-ħmistax, fis-sittax, fis-sbatax u fit-tmintax –il kap, u ċioe` fit-30 ta' Ġunju 2010 u fil-ġimgħat precedenti, irriżulta li minħabba l-iskambju tat-tarek kif imsemmi fis-sbatax il-Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u minħabba d-dikjarazzjoni falża hekk magħmula, id-delinkwenti fosthom l-akkużat Psaila, għamlu użu ħażin tat-tarek in kwistjoni li mar kontra l-iskop tagħhom legalment u dan peress li l-

identifikazzjoni tal-vetturi in kwistjoni ġiet intralċata u vizzjata bl-iskambju tat-tarek kif preċedentment deskritt.

Illi b'għemilu Fabio Psaila sar ħati bħala ko-awtur talli għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru DBL519 minflokk in-numri oriġinali LCH587 u n-numru DBM305 minflok in-numri orġinali DBL519.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Fabio Psaila, ħati bħala ko-awtur talli għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru DBL519 minflokk in-numri oriġinali LCH587 u numri DBM305 minflok in-numri orġiginali DBL519; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur (6) jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 15(1A) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta (Ordinanza Dwar ir-Regolament tat-Traffiku) u l-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta'

Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**<u>Fejn l-Avukat Generali fl-ghoxrin kap ipremetta:</u>**

Illi fit-3 ta' Diċembru tas-sena 2010 u għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħaxija (8:15pm) Michael Mizzi, propjetarju tal-ħanut Gold Market ġewwa Ħ'Attard u ibnu Silvio Mizzi li jassistieħ f'xogħolu, wasslu d-dar b'vetturi separati fir-residenza tagħhom li jinstab ġewwa Triq il-Linja, Ħ'Attard. Wara li kienu għadhom kif wasslu flimkien u pparkjaw faċċata ta' xulxin u fl-istess triq tar-residenża tagħhom, is-sinjuri Mizzi ġew avviċinati minn tlett persuni ilkoll mgħammda u armati fejn fosthom kien hemm l-akkużat Fabio Psaila.

Illi rriżulta mill-investigazzjoni ta' dan il-każ illi dawn l-aggressuri ppuntaw il- pistoli tagħhom fid-direzzjoni tas-sinjuri Mizzi, filwaqt li wieħed mid-delinkwenti ordna lil Michael Mizzi biex itiħ il-bagalja li kien qed iġġor f'idu f'dak il-mument. Din il-bagalja kienet tikkonsisti minn karti u riċevuti tax-xogħol, ċekkijiet u flus fl-ammont ta' tlett elef Euro (€3000). Meta s-Sur Mizzi rrifjuta jtiħ il-bagalja dan il-malvivent taħ daqqa ta' kanna u laqtu fuq in-naħa tax-xellug ta' wiċċu. Is-Sur Mizzi waqa mal-art u meta reġa rrifjuta li jtiħ il-bagalja in kwistjoni reġa laqat daqqa oħra f'nofs rasu. Nell-frattempt Silvio Mizzi, li kien qed jinżamm kontra r-rieda tiegħu, ħebb għall-malviventi li kienu qedgħin iżommuħ appartat minn missieru u fil-kors tat-taqbida miegħu wieħed mill-aggressuri waqatlu l-arma. Silvio Mizzi rnexxielu jieħu pussess ta' din l-arma u meta raw dan, l-aggressuri li kienu qed jitlewmu miegħu fosthom l-akkużat Fabio Psaila, telqu jiġru bil-ġiri fid-direzzjoni tar-Rabat. Fil-pront it-tielet aggressur li kien qed jipprova jieħu l-bagalja minn Michael

Mizzi mar għal fuq Silvio Mizzi li meta ra lil missieru wiċċu bid-dmija, spara żewġ tiri fid-direzzjoni tal-aggressur li safa ferut.

Illi kwindi jirriżulta li s-serqa li kienet bdiet fl-eżekuzzjoni tagħha, ġiet sfrattata minħabba xi ħaġa independenti u aċċidentali mir-rieda tal-aggressuri u dan peress li s-Sur Michael Mizzi rrifjuta li jagħti l-bagalja meta hekk mitlub u in oltre Silvio Mizzi b'kuraġġ irreaġixxa għas-sitwazzjoni u rnexxielu jieħu kontroll ta' waħda mill-armi fil-pussess tad-delinkwenti u effettivament użaħ fuq l-aggressuri. Li kieku dan ma seħħx u għaldaqstant li kieku din is-serqa ġiet ikkunsmata kienet tkun aggravata bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li jeċċedi elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37).

Illi b'referenża għall-ewwel kap ta' din l-Att tal-Akkuża u tal-fatti hemmhekk indikati, a bażi tal-investigazzjonijiet li kienu qed isiru mill-pulizija Ezekuttiva u in vista wkoll tal-informazzjoni li kellhom, irriżulta li fost id-delitti li fihom kellu x'jaqsam l-akkużat Fabio Psaila, it-tentattiv ta serq minn fuq is-Sur Michael Mizzi, propjetarju tal-Gold Market kien filfatt wieħed minn dawn id-delitti.

Illi b'għemilhu Fabio Psaila, sar ħati bħala ko-awtur ta' tenttattiv ta' serq u dan billi wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku ġie kommess kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza (f'sekwestru ta' persuna, offiza ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Michael Mizzi, iktar minn persuna waħda u użu ta' armi), mezz (użu ta' balaklava), bil-valur (jeċċedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €2329.94) u bil-ħin (wara nżul ix-xemx – 8:15pm f'Diċembru);

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena

elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati fejn fosthom kien hemm dellitti ta' serq ikkwalifikat u/jew sempliċi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lil Fabio Psaila, reċidiv f'dellitt, ħati bħala ko-awtur f'tenttattiv ta' serq u dan billi wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dani id-delitt, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku ġie kommess kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza (f'sekwestru ta' persuna, offiza ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Michael Mizzi, iktar minn persuna waħda u użu ta' armi), mezz (użu ta' balaklava), bil-valur ta iktar minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) (b'hekk li jeċċedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €2329.94) u bil-ħin (wara nżul ix-xemx – 8:15pm f'Diċembru); jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux inqas minn sentejn (2) u mhux aktar minn għoxrin (20) sena priġunerija, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 274(c), 275, 277(b), 278, 279(b), 280(2), 281(a), 23, 31, 49, 50, 289 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai

termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**Fejn l-Avukat Generali fil-wiehed u ghoxrin kap ipremetta:**

Illi b'referenża għall-kap preċedenti ta' din l-Att tal-Akuża (il-wieħed u għoxrin kap), u ċioe fit-3 ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħaxija (8:15pm), bil-għan li l-aggressuri fosthom l-akkużat Psaila jieħdu l-kontroll assolut ta' Michael u Silvio Mizzi filwaqt tas-serqa li kif indikat preċedentement, minħabba raġunijiet aċċidentali w indipendenti mir-rieda tal-istess aggressuri ma ġietx ikkunsmata, irriżulta li qabel din is-serqa ġiet sfrattata, b'mod illegali u mingħajr ebda awtorita' jew setgha li tippermettilhom il-ligi, l-aggressuri kienu ħadu l-kontroll kemm ta' Michael u kif ukoll ta' Silvio Mizzi li kienu l-vittmi tat-tentattiv tas-serqa in kwistjoni fejn żammewhom bl-użu ta' forża, b'tehdid ta' armi u vjolenża fisika u kontra r-rieda jew volonta' tagħhom sabiex jisirqulhom il-bagalja li kienet fil-pussess ta' Micheal Mizzi li kienet tikkonsisti minn karti u riċevuti tax-xogħol, ċekkijiet u flus fl-ammont ta' tlett elef Euro (€3000). Filfatt filwaqt li Michael Mizzi kien qed jinżamm bil-mezzi msemmija kontra r-rieda tiegħu għal dan il-fini minn wieħed mid-delinkwenti fejn safa anki msawwat minn wieħed mid-delinkwenti, l-aggressuri l-oħra fosthom l-akkużat Psaila kienu qedgħin jagixxu b'theddid ta' użu ta' arma u ta' vjolenża fisika fuq Silvio Mizzi sabiex hu ma jkunx f'posizzjoni jagħti assistenza lil missieru li f'dak il-ħin kien qed jiġi vittimizat bil-ghan li ma jisfrattax l-eżekuzzjoni tas-serqa li kienet daħlet fis-seħħ. L-istess delinkwenti fosthom l-akkużat msemmi użaw l-armi li kienu fil-pussess tagħhom sabiex jintimidaw lill-vittmi msemmija b'theddid ta' offiżi fuq il-persuna tagħhom jew mewt fin-nuqqas ta' kooperazzjoni magħhom bi skop tas-serqa tal-flus li kienu fil-pussess tagħhom. Effettivament dan kollu kien sar sabiex id-delinkwenti fosthom l-akkużat jkollhom kontroll fisiku u

psikoloġiku fuq il-vittmi tagħhom u bil-għan ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra mingħandhom, dejjem kontra r-rieda tal-istess vittmi u kontra l-liġi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Fabio Psaila sar hati bħala ko-awtur talli bla ordni skond il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuni kontra l-volonta tagħhom, jew ta l-post biex fiħ dawn il-persuni jiġu arrestati, miżmuma jew issekwestrati, b'dan illi il-persuni arrestati, miżmuma jew issekwestrati ġew offiżi fuq il-persuna tagħhom jew mhedda bil-mewt u/jew id-dellitt ikun sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, jew biex il-persuni oħra jkunu mġiegħla jaċċettaw li jagħmlu xi trasferiment ta' ħwejjiġhom.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati fejn fosthom kien hemm dellitti ta' serq ikkwalifikat u/jew sempliċi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Fabio Psaila, reċidiv f'delitt, ħati bħala ko-awtur talli bla ordni skond il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuni kontra l-volonta tagħhom, jew ta l-post biex fiħ dawn il-persuni jiġu arrestati, miżmuma jew issekwestrati, b'dan illi il-persuni arrestati, miżmuma jew issekwestrati ġew offiżi fuq il-persuna tagħhom jew mhedda bil-mewt u/jew id-dellitt ikun sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, jew biex il-persuni oħra jkunu mġiegħla jaċċettaw li jagħmlu xi trasferiment ta' ħwejjiġhom; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux aktar minn erba' snin (4) u mhux inqas minn tlettax il-xahar (13) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 86,

87(1)(c)(e), 17, 23, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**<u>Fejn l-Avukat Generali fit-tnejn u ghoxrin kap ipremetta:</u>**

Illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża, partikolarment fl-għoxrin kap u ċioe' fit-3 ta' Diċembru tas-sena 2010 u għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħaxija (8:15pm) ġewwa Ħ-Attard, jirriżulta li l-akkużat Fabio Psaila, kellu arma fil-pusess tiegħu konsistenti f'senter tal-kwalita' *pump action*, mqaċċatt bin-numru serjali P27834 u li kien qed jintuża sabiex jikkontrolla lil Silvio Mizzi waqt li delikwent ieħor kien issekwestra lil Michael Mizzi ai fini tat-tentattiv ta' serq kontra l-propjeta' tiegħu. B'hekk jirriżulta li fil-mument tat-tentattiv ta' serq kif debitament aggravat, l-akkużat kellu fuq il-persuna tiegħu arma tan-nar, liema arma ġiet effettivament użata fil-kommissjoni ta' l-imsemmi delitt volontarju kontra l-persuna ta' Silvio Mizzi u Michael Mizzi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Fabio Psaila sar ħati bħala ko-awtur talli, filwaqt li kien qed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna jew ta' serq, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari, jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti u dan mingħajr għan leġittimu.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Fabio Psaila, reċidiv f'dellitt, ħati talli, filwaqt li kien qed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna jew ta' serq, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari, jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti u dan mingħajr għan leġittimu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn ħames (5) snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 55(a) u 56 ta' L-Att dwar l-Armi (Kap 480) u l-artikoli 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-

riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**Fejn l-Avukat Generali fit-tlieta u ghoxrin kap ipremetta:**

Illi b'referenża għall-preċedenti kapi partikolarment iċ-ċirkostanzi indikati fl-għoxrin kap ta' din l-Att tal-akkuża u ċioe fit-3 ta' Diċembru 2010 għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħaxija (8 :15pm), irriżulta mill-investigazzjonijiet illi d-delikwenti, fosthom l-akkużat Psaila kienu għamlu użu ta' vettura tal-għamla Toyota Liteace bin-numru ta' reġistrazzjoni IAT916 u dan biex imorru fl-akwati fejn seħħ l-inċident u anki biex sussegwentement għas-serqa, jaħarbu minn fuq il-post. Effettivament din il-vettura kienet instabet fil-viċinanzi ta' fejn seħħet is-serqa u ftit tal-ħin wara biss tat-tentattiv mertu tad-dsatax il-kap ta' din l-Att tal-Akkuża.

Illi meta l-pulizija analiżżaw il-vettura in kwistjoni u għamlu l-istħarriġ neċessarju dwarha, rriżulta li din kienet tappartjeni lil Mario Micallef u meta dan ġiet mitkellem hu nfurmahom li hu kellu vettura tat-tip Van tal-għamla Toyota Liteace bin-numru ta' reġistrazzjoni IAT461 iżda din kienet insterqet minn ġewwa Church Street, Msida fl-20 ta' Awwissu 2010 għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu (5 :30am) u filwaqt li l-vettura kienet imsakkra. Din il-vettura kienet inxtrat madwar tmien snin qabel ma nsterqet bil-prezż ta' ħamest elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm5500) illum ekwivalenti għal madwar tnax il-Elf u tmien mitt Euro (€12,800).

Illi b'għemilu l-imsemmi Fabio Psaila sar ħati bħala ko-awtur ta' serq ta' vettura, ċioe' Toyota Liteace bin-numru ta 'reġistrazzjoni IAT461, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur tal-ħaġa misruqa li teċċedi elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati fejn fosthom kien hemm dellitti ta' serq ikkwalifikat u/jew sempliċi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Fabio Psaila, reċidiv f'delitt, ħati bħala ko-awtur ta' serq ta' vettura, ċioe' Van tal-għamla Toyota Liteace bin-numru ta 'reġistrazzjoni IAT461, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz (sar bi ksur ta' ġewwa jew ta' barra b'imfietaħ foloz), bil-valur tal-ħaġa misruqa li teċċedi elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), bil-ħin (bil-lejl, jiġifieri bejn inżul u tlugħ ix-xemx) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (meta jsir fuq vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-publiku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa lit kun ġo, dik il-vettura); jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal mhux aktar minn tletin sena (30) u mhux anqas minn tlettax il-xahar (13) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g), 278(3), 279(b), 280(2), 281(b), 49, 50, 289, 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai

termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**<u>Fejn l-Avukat Generali fil-erbgha u ghoxrin kap ipremetta:</u>**

Illi b' referenza għall-fatti kif indikati fil-kapi precedenti, partikolarment fl-għoxrin u fit-tnejn u għoxrin kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe fit-3 ta' Diċembru 2010 għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħaxija (8 :15pm), il-vettura li allegatament intuzat mid-delinkwenti fosthom l-akkuzat, sabiex jaslu fuq il-post tad-delitt, ċioe il-vettura tal-għamla Toyota Liteace ta' lewn bajdani bin-numru ta' reġistrazzjoni IAT916 u li kienet ġiet irrapurtata misruqa minn sidha Mario Micallef, kienet instabet mill-pulizija sussegwentement għall-ħarba tad-delinkwenti, fosthom l-akkużat. Irriżulta li din il-vettura kienet instabet dakinhar stess tat-tentattiv ta' serqa u ċioe fit-3 ta' Diċembru 2010 fl-inħawi ta' Ta' Qali u fil-viċinanzi ħafna ta fejn seħħ it-tentattiv ta' serq mertu tat-tmintax il-Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u fil-mument li instabet kienet qed tinħaraq. Irriżulta mill-analiżi li sar li minħabba l-ħsarat ikkaġunati, il-vettura subiet danni irriversibbli.

Illi b'għemilu l-imsemmi Fabio Psaila sar ħati bħala ko-awtur talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Fabio Psaila, reċidiv f'delitt, ħati bħala ko-awtur talli, volontarjament ħassar,

għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69); jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlettax il-xahar (13) sa ħames snin (5) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(a), 12, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**<u>Fejn l-Avukat Generali fis-hamsa u ghoxrin kap ipremetta:</u>**

Illi b'referenża għall-preċedenti kapi ta' din l-att tal-akkuża partikolarment iċ-ċirkostanżi msemmija fl-għoxrin, it-tnejn u għoxrin u t-tielet u għoxrin kap ta' din l-Att tal-akkuża u ċioe fit-tlieta (3) ta' Diċembru 2010 għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħaxija (8 :15pm), irriżulta li l-vettura Toyota Liteace allavolja reġistrata bin-numru ta' reġistrazzjoni IAT916 kienet effettivament qed turi tarek ta' vettura b'numru differenti u ċioe DAJ445.

Meta saru investigazzjonijiet aktar fil-fond fir-rigward tat-tarek in kwistjoni irriżulta li dawn kienu jappartjenu lill-vettura oħra tal-għamla Mitsubishi L200 u liema vettura kienet propjeta' ta' Anthony Vassallo. Filfatt meta s-Sur Vassallo ġie mitkellem mill-pulizija, hu nfurmahom illi bejn il-15 ta' Settembru u l-4 ta' Ottubru 2010 t-tarek tal-vettura tiegħu kienu nsterqu minn Triq id-Duka ta' Edinburgh, Ħamrun.

Illi b'għemilu l-imsemmi Fabio Psaila sar ħati bħala ko-awtur ta serq ta' par tarek mill-vettura Volkswagen Golf bin-numru ta 'reġistrazzjoni DAJ445, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati fejn fosthom kien hemm dellitti ta' serq ikkwalifikat u/jew sempliċi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Fabio Psaila, reċidiv f'delitt, ħati bħala ko-awtur ta' serq ta' par tarek mill-vettura Mitsubishi L2000 bin-numru ta' reġistrazzjoni DAJ445, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa (meta jsir fuq vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-publiku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa lit kun ġo, dik il-vettura); jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta'mhux aktar minn ħames snin (5) u mhux inqas minn seba' xhur (7) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(g), 271(g), 281(a), 49, 50, 289, 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila

datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**Fejn l-Avukat Generali fis-sitta u ghoxrin kap ipremetta:**

Illi b'referenza għall-kapi precedent ta' din l-att tal-akkuża partikolarment iċ-ċirkostanżi indikati fl-għoxrin, tnejn u għoxrin, tlieta u għoxrin u erbgħa u għoxrin kap, u ċioe fit-3 ta' Diċembru 2010 u fix-xhur preċedenti, irriżulta li l-vettura Toyota Liteace allavolja legalment reġistrata bin-numru ta' reġistrazzjoni IAT916 kienet effettivament qed turi tarek b'numru differenti senjatament tarek bin-numru DAJ445 li rriżultaw misruqa mill-vettura Mitsubishi L200 appartenenti lil Anthony Vassallo.

Illi l-għan ta' dan l-iskambju u użu lleġittimu ta' tarek mhux appartenenti lir-rispettivi vetturi sar bl-iskop li jinħoloq konfużjoni dwar l-identita' tal-vetturi biex b'hekk ukoll jinħoloq intralċ fl-investigazzjonijiet li l-pulizija eżekuttiva kienet qed tikkonduċi fis-serqa in kwistjoni. Dawn it-tarek jikkonstitwixxu dokument legali bl-iskop ta' użu minn awtorita` pubblika għal għan ta' identifikazzjoni fil-pubbliku u b'hekk l-iskambju xjenti kif magħmul wassal sabiex d-delinkwenti, fosthom l-akkużat Psaila, li kienu responsabbli għas-serqiet tal-vetturi u tat-tarek in kwistjoni, xjentement għamlu użu ħażin ta' dawn it-tarek billi taw informazzjoni żbaljata għall-finijiet illeċiti tagħhom.

Illi b'għemilu l-imsemmi Fabio Psaila sar ħati bħala ko-awtur talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi bidel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura numru IAT916 ma dawk tal-vettura numru DAJ445.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati kemm inferjuri kif ukoll Superjuri ta' pajjiżna bejn is-sena elf disa mija disgħa u disgħin (1999) u s-sena elfejn u disgħa (2009) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Fabio Psaila, reċidiv f'delitt, ħati bħala ko-awtur talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi bidel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura numru IAT916 ma dawk tal-vettura numru DAJ445; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux iżjed minn tlett snin (3) jew multa skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 188, 11, 49, 50, 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta'

sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

**<u>Fejn l-Avukat Generali fis-sebgha u ghoxrin kap ipremetta:</u>**

Illi finalment b'referenza għall-kapi precedent ta' din l-att tal-akkuża partikolarment iċ-ċirkostanżi indikati fl-għoxrin kap, tnejn u għoxrin kap, tlieta u għoxrin kap, l-erbgħa u għoxrin kap u l-ħamsa u għoxrin kap, u ċioe` fit-3 ta' Diċembru 2010 u fix-xhur preċedenti, irriżulta li minħabba l-iskambju tat-tarek kif imsemmi fl-erbgħa u għoxrin Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u minħabba d-dikjarazzjoni falża hekk magħmula, id-delinkwenti fosthom l-akkużat Psaila, għamlu użu ħażin tat-tarek in kwistjoni li mar kontra l-iskop tagħhom legalment u dan peress li l-identifikazzjoni tal-vetturi in kwistjoni ġiet intralċata u vizzjata bl-iskambju tat-tarek kif preċedentment deskritt.

Illi b'għemilu Fabio Psaila sar ħati bħala ko-awtur talli għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru DAJ445 minflokk in-numri oriġinali IAT916.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Fabio Psaila, ħati bħala ko-awtur talli għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru DAJ445 minflokk in-numri oriġinali IAT916; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur (6)

jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 15(1A) tal-Kaptiolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta (Ordinanza Dwar ir-Regolament tat-Traffiku) u l-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata d-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), jitlob li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446).

U peress ukoll illi l-imsemmi Fabio Psaila kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Pulizija vs Fabio Psaila datata it-12 ta' Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009), u dan billi kkometta reat/i li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (erbgħa xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-akkuzat tal-24 ta' Ottubru, 2014 li biha eccepixxa :-

i. *Dwar punti ta' dritt in konnessjoni ma' l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza*

   Dan il-Kap jirrigwarda d-delitt ta' assocjazzjoni/partecipazzjoni f'ghaqda bi skop kriminali. Dan il-kap huwa null u bla effett stante li jivvjola d-dettami tal-ligi.

   Fl-ewwel lok bi ksru tal-artikolu 589(c) tal-Kodici Kriminali, l-Avukat Generali naqas milli jorbot dik il-parti mal-elementi kostituttivi tad-delitt mertu ta' dan il-kap.

Fit-tielet lok, il-parti narrattiva tikkontjeni bran li huwa perikolu ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja stante li tikser il-principju tal-presunzjoni tal-innocenza, tkun kontra l-gurisprudenza nostrana, stante li qedha tohloq pregudizzju, kongettura u ipotesijiet ghad-dannu tal-esponenti, liema kongettura, ipotesi u pregudizzju ma huwiex legalment ammissibbli. Riferenza hawn qed issir ghall-bran:

"Apparti minn hekk l-akkuzat kien jiffrekwenta persuni li kienu involuti fil-kriminalita u li sussegwentement gew ukoll mixlija l-Qorti fuq akkuzi dwar ir-reati kommessi u rilevanti ghal din l-organizazzjoni kriminali."

***ii. Dwar punti ta' dritt in konnessjoni mat-Tieni, Tielet, ir-Raba, l-Ghaxar u t-Tnax il-Kapi tal-Att tal-Akkuza***

Fil-parti narrattiva, l-Avukat Generali jishaq li l-akkuzat kien wiehed mill-persuni li dahal gewwa l-Bank. L-atti tal-Istruttorja jaghmlu 'prova' (sic!) a bazi tad-depozizzjoni ta' PC 99, a bazi ta' dak li allegatament intqal lilu minn Dr. David Gatt LL.D., li l-akkuzat ma kienx gol-bank, izda barra l-bank, wara li s-serqa giet sfrattata!

Dan ifisser li l-atti tal-Istruttorja, minghajr pregudizzju, ipoggu lill-akkuzat barra l-bank wara li s-serqa giet sfrattata u l-Avukat Generali jpoggieh gewwa l-Bank. L-agir tal-Avukat Generali huwa intiz sabiex ifixkel in kwantu l-principju tal-komplicita' stante li an accessory after the crime is not an accomplice to the crime.

Din l-eccezzjoni qedha tingab il-quddiem a tenur u bis-sahha tal-artikolu 449(1)(g) tal-Kodici Kriminali

***iii. Dwar punti ta' dritt in konnessjoni mas-Sitt, Seba', Tmien u Disa' Kapi tal-Att tal-Akkuza***

L-akkuzat f'dan il-kapi jinsab akkuzat bid-delitt ta' hsara volontarja. L-atti tal-Istruttorja jixhdu kif it-tiri sparati mil-'id' tax-xufier tal-vettura, sehhew meta din il-persuna intervjentiet wara li s-serqa giet sfrattata u wara li l-iskambju tat-tiri bejn il-Pulizija u l-

malviventi kien diga' nbeda. Skont PC99 din il-persuna hija l-esponenti. Tenut kont li l-Avukat Generali ghazel li jakkuza fil-Hames Kap bit-tentattiva ta' omicidju volontarju lill-esp0onenti, huwa f'dan l-isfond palezi li l-Avukat Generali jemmen li dik kienet l-intenzjoni tal-akkuzat. Ma hemm l-ebda prova li l-akkuzat kellu dik l-intenzjoni posittiva diretta li huwa jaghmel hsara kif ikkontemplat f'dawn il-Kapi. Dato ma non concesso il-fatti kif risultanti mill-atti tal-Istruttorja, l-akkuza fil-kapi indikati kellu tkun a tenur tal-artikolu 328(d) tal-Kodici Kriminali.

Din l-eccezzjoni qedha tinghata a tenur u bis-sahha tal-artikolu 449(1)(b)(g) tal-Kodici Kriminali.

*iv.* ***Dwar punti ta' dritt in konnessjoni mat-Tlettax, l-Erbatax, il-Hmistax, is-Sittax, is-Sbatax, it-Tmintax, id-Dsatax, it-Tlieta u Ghoxrin, Erbgha u Ghoxrin, Hamsa u Ghoxrin, Sitta u Ghoxrin, Sebgha u Ghoxrin, Kapi tal-Att tal-Akkuza.***

L-akkuzat jinsab mixli f'dawn il-Kapi li huwa seraq vetturi u/jew pjanci ta' registrazzjoni, ghamel hsara volontarja fuq l-istess, u li biddel l-uzu tal-pjanci ta' registrazzjoni tal-vetturi. Tal-Kapi ma humiex sorretti mill-provi. Dawn il-kapi kollha huma biss frott l-immaginazzjoni tal-Pulizija li xlew lill-Akkuzat b'dawn id-delitti u da parti tieghu l-Avukat Generali, jtenni l-esponenti, ressaq dawn il-Kapi biss to save the day. Kull kap ta' akkuza hekk mressaq il-quddiem, ossia mhux mibni fuq provi, huwa vjolazzjoni ghad-dritt ta' smiegh xieraq tal-individwu u dana stante l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jishaq kif l-ebda persuna mna ghandha tkun soggetta ghall-proceduri penali minghajr provi. Ma ghandux dan l-istat ta' fatt illegali jitkompla. Il-mansjoni ta' din il-Qorti ma hijiex limitata biss li tara li matul il-guri, l-partijiet ikunu mxew mal-ligi, izda mansjoni mportanti taghha hija li effettivament, tgharbel a bazi ta' prima facie sabiex tara jekk, wara l-gbir kollu tal-provi, hemmx bazi, mqar fuq livell ta' prima facie, sabiex il-kaz jitkompla kontra l-akkuzat. Fil-kaz odjern ma hemmx.

Din l-eccezzjoni qedha tinghata a tenur u a bazi tal-artikolu 449(1)(g) tal-Kodici Kriminali

*v.* ***Dwar punti ta' dritt in generali***

Ix-xhud ewlieni fil-proceduri odjerni huwa PC99 Mario Portelli. Illi qari tad-depozizzjoni tieghu turi kif dak li huwa jishaq fil-konfront tal-akkuzat, dan ix-xhud ma jafux huwa personalment imma tramite terzi. Dan ifisser li d-depozizzjoni ta' dan ix-xhud ma hija xejn ghajr deposizzjoni bbazata fuq hearsay evidence. Dan ifisser li dan ix-xhud ma huwiex ammissibbli.

Din l-eccezzjoni qedha tinghata a tenur u bis-sahha tal-artikolu 438(2)(i) tal-Kodici Kriminali.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru 2016 fejn l-kaz gie differiet ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet preliminati sollevati mill-akkuzat.

Fliet l-atti tal-kumpilazzjoni limitatament biex tindaga dwar iz-zewg eccezzjonijiet li iridu jigu decizi.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat.

Illi l-ewwel eccezzjoni iddur madwar in-nullita tal-ewwel kap ta'l-att ta'l-akkuza li fil-fehma tad-difiza ma tissodisfax d-dettami tal-ligi u dan ghal tlett ragunijiet:

1. hemm ksur ta'l-artikolu 589(c) tal-Kodici Kriminali billi l-Avukat Generali jonqos milli jindika iz-zmien meta allegatament suppost sehh r-reat hemm hekk indikat.
2. L-Avukat Generali jonqos milli jorbot il-parti narattiva mal-elementi kostituttivi tad-delitt.

3. Illi il-bran li jinsab mil-linja 9, tat-tieni paragrafu fl-ewwel folja u cioe' fil-parti narrattiva ta' dan il-kap huwa ibbazat fuq kongetturi u ipotezijiet li jistghu ikunu ta' pregudizzju ghall-akkuzat

L-akkuzat l-ewwel u qabel kollox jilmenta minn karenza fl-ewwel kap ta'l-att ta'l-akkuza billi ma hemmx indikat fil-parti espositiva tieghu iz-zmien meta allegatament sehh ir-reat addebitat lilu ta'l-assocjazzjoni ai fini kriminuza.

Issa l-ligi thalli fid-diskrezzjoni ta'l-Avukat Generali li ifassal l-att ta'l-akkuza u l-kapi rispettivi kontenenti l-akkuzi imressqa fil-konfront tal-persuna akkuzata. L-Avukat Generali huwa marbuta taht il-ligi taghna b'dak imfassal fl-artikolu 589 tal-Kap.9 li jiddisponi hekk:

**"L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu –**
**(a) isemmi l-qorti li jinġieb quddiemha;**
**(b) jagħti ċar il-partikularitajiet tal-akkużat;**
**(ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, <u>bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż- żmien</u> u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ- ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena; u**
**(d) jispiċċa b'ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat."**

Huwa proprju dan li ghamel l-Avukat Generali meta fassal l-Att ta'l-Akkuza fil-konfront ta'l-akkuzat. Dan ghaliex din id-disposizzjoni tal-ligi imkien ma titlob illi l-Avukat Generali ghandu tassattivament jindika z-zmien meta allegatament jkun sehh ir-reat jew li dak iz-zmien ghandu jirrifletti z-zmien ezatt ta' meta ikunu sehhew il-fatti esposti fil-parti narrattiva u allura r-reat li jkun qed jigi ipprospettat f'dak il-kap partikolari ta'l-Att ta'l-Akkuza. Fuq

kollox "jekk ikunx jirrizulta ukoll mill-provi u dokumenti li jkunu ngabbru fil-kumpilazzjoni, dejjem gie ritenut li dik hija materja li eventwalment tid tigi riservata ghal min ghandu jiggudika fuq il-fatti, fil-kaz tal-Qorti Kriminali, il-gurati."

Issa l-akkuzat jikkontendi illi d-data tal-21 ta'Novembru 2010 indikata fil-parti narrattiva ta'l-Ewwel Kap tirreferi ghad-data meta l-pulizija ircevew l-informazzjoni allegatament dwar din ix-xibka ta' kriminalita' organizzata izda ma tirreferiex ghaz-zmien meta allegatament sehh dan ir-reat u dan iz-zmien ma jigi indikat mkien fil-parti akkuzatorja ta' dan l-Ewwel Kap ta'l-Att ta'l-Akkuza. Jishaq inoltre illi din il-Qorti ma tistax tordna l-ebda korrezzjoni issa fl-Att ta'l-Akkuza u dan bis-setgha moghtija lilha fl-artikolu 589(c) tal-Kodici Kriminali.

Illi fis-sentenza moghtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza flismijiet Il-Pulizija vs Emanuel Buttigieg, ghalkemm titkellem dwar dak li ghandu jkun hemm fic-citazzjoni u mhux fl-att ta'l-akkuza, gie deciz illi:
"'Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta. "'..... "'Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita' tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza."

Illi bl-istess mod allura, ghalkemm l-att ta'l-akkuza ghandha tifsira kemmxejn differenti mill-'avviso da comparire' li hija c-citazzjoni fil-qrati inferjuri, n-nuqqas taz-zmien meta sehh ir-reat ma igibx maggha in-nullita ta' dak il-kap ta'l-att ta'l-akkuza billi l-artikolu 589 hawn fuq iccitat, ma jindikax illi dan

ghandu jigi indikat *ad validitatem* mill-Avukat Generali. Fuq kollox, l-artikolu 597 jaghti is-setgha lill-Qorti sabiex, *"**sew ex officio, kemm ukoll fuq eċċezzjoni tal-akkużat, tordna l-korrezzjoni tal-att tal-akkuża , basta li dan isir qabel ma l-akkużat iwieġeb għall-mistoqsija jekk hux ħati jew le: iżda ebda ħaġa m'għandha tiżdied fl-att tal-akkuża li tkun tista' tagħmel iżjed gravi r-reat.**"*

Di fatti l-artikolu 599 jipprospetta din is-sitwazzjoni sahansitra sa qabel il-mument li l-gurija tohrog bil-verdett taghha meta hemm stipulat:
*"**Il-qorti tista' f'kull waqt tal-kawża sakemm il-ġuri ma jagħtix il-verdett tiegħu, tordna li jiġi ikkorreġut kull żball li, mill-provi li jinġiebu fil-kawża, jinsab li sar fl-att tal-akkuża dwar iċ-ċirkostanzi ta' żmien, post u persuna, meta, fejn, u kontra min sar ir-reat, jew dwar l-indikazzjoni jew id-deskrizzjoni tal-ħwejjeġ li fuqhom sar ir-reat.**"* Dan ovvjament dment li tali korrezzjoni ma tirrendiex ir-reat iktar gravi jew ma tippregudikax id-difiza ta'l-akkuzat. Kwindi il-Qorti hija tal-fehma illi ghandha issir il-korrezzjoni indikata.

Dan ghaliex bil-fatt illi l-Qorti tordna din il-korrezzjoni billi taghti indikazzjoni taz-zmien meta sehh ir-reat ma ifissirx illi b'daqhsekk ir-reat qed jigi rez iktar gravuz. Ir-reat jibqa wiehed u uniku u cioe' dak ta'l-assocjazzjoni. Billi l-parti narattiva ta'l-ewwel kap jindika illi l-pulizija kienu ircevew informazzjoni fil-21 ta' Novembru 2010 illi kien jezisti dan ic-cirku kriminuz fejn kienu qed jigu kommessi diversi reati, allura huwa bil-wisq evidenti illi dan seta' isehh biss fiz-zmien li ippreceda din id-data u cioe' ghal ta'l-inqas fis-sena ta' qabel. Kwindi bis-setgha moghtija lilha skont il-ligi bl-artikolu 597 tal-Kap.9, il-Qorti qed tghaddi biex tordna il-korrezzjoni fil-parti akkuzatorja ta'l-ewwel kap ta'l-att ta'l-akkuza billi wara l-kliem: "Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuza lil Fabio Psaila, recidiv f'delitt hati talli .." ghandhom jidhlu il-kliem "**fil-21 ta' Novembru 2010 u fis-sena qabel din id-data**" .

Illi, dejjem b'referenza ghall-Ewwel Kap ta'l-Att ta'l-Akkuza, l-akkuzat jishaq illi dan huwa null billi l-Avukat Generali jonqos milli jorbot il-parti narattiva mal-elementi kostituttivi tad-delitt. Jispjega dan fil-kors tat-trattazzjoni orali permezz tad-difensur tieghu meta jishaq illi fl-ebda parti tal-parti narrattiva ta' dan il-kap ma jindika x'kien l-allegat ftehim biex b'hekk wiehed mill-elementi kostituttivi tar-reat ta'l-assocjazzjoni u cioe' il-modalita' tal-allegata assocjazzjoni hija nieqsa. Dan igib mieghu diffikulta fid-difiza ta'l-akkuzat li allura ma jafx fuq xhiex irid jiddefendi ruhu. Issa "**Il-gurisprudenza f'dan ir-rigward hija ormaj kopjuza u din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn toqghod tahli zmien ticcita d-diversi pronunzjamenti taghha in materja. Ikun hemm nullita` jew difett kif ravvizat fl-Artikolu 449(5)(b) meta l-fatti kif deskritti ma jkunux jammontaw <u>fis-sustanza</u> ghar-reat li bih l-akkuzat ikun qed jigi akkuzat. Bil-kelma "reat" wiehed ghandu necessarjament jifhem ir-reat bl-aggravji kollha li jkunu qed jigu dedotti skond il-ligi. (Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Bonnici – App. Sup 22/04/2004)**

Illi minn qari tal-fatti kif esposti mill-Avukat Generali huwa evidenti illi l-organizazzjoni kriminuza kienet tikkoncerna ftehim bejn diversi nies fejn sehh "l-orkestrar" ta' diversi reati li principalment kienu jinvolvu serqiet bl-uzu ta' armi u mezzi ohrajn u dan sabiex isiru "hold-ups ta' somom kbar ta' flus li sehhew fil-bank HSBC fost postijiet ohrajn." Ukoll l-Avukat Generali jindika illi l-akkuzat mhux biss kien parti mill-'orkestrar' ta' dawn ir-reati, izda ukoll ha sehem attiv fil-kummissjoni taghhom biex b'hekk tinghata stampa cara ta' dak li l-Avukat Generali qed jallega fil-konfront ta'l-akkuzat u cioe' tal-fatti kriminuzi addebitati lilu li minnhom imbaghad jislet r-reat indikat fil-parti akkuzatorja. Issa jekk l-elementi tar-reat ta'l-assocjazzjoni jirrizultawx ippruvati o meno huwa gudizzju li jispetta lill-gurija popolari u lil hadd iktar.

**"Ghalhekk, meta fl-artikolu 589 tal-istess Kodici jinghad li l-att tal-akkuza ghandu jfisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat u l-partikolaritajiet l-ohra msemmija fl-istess artikolu dan ma jistax ifisser hlief li l-att tal-akkuza**

**ghandu jfisser il-fatt u partikolaritajiet l-ohra msemmija skont kif jifhimhom li graw l-Avukat Generali f'isem ir-Repubbblika ta' Malta. Il-provi in sostenn tal-fatt li jikkostitwixxi r-reat u tal-partikolaritajiet l-ohra skont l-att tal-akkuza, imbaghad, jingiebu mill-Avukat Generali fil-kors tal-process fl-istadju opportun.[1]"**

Ghal dawn il-motivi anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Finalment dejjem b'referenza ghall-Ewwel Kap, l-akkuzat isib oggezzjoni ghal dik il-parti fin-narrattiva taghha ghal-bran li jinsab mil-linja 9, tat-tieni paragrafu fl-ewwel folja li fil-fehma tieghu huwa ibbazat fuq kongetturi u ipotezijiet li jistghu ikunu ta' pregudizzju ghall-akkuzat. L-akkuzat qed jirreferi ghal bran li jaqra hekk:
**"Apparti minn hekk l-akkuzat kien jiffrekwenta persuni li kienu involuti fil-kriminalita u li sussegwentement gew ukoll mixlija l-Qorti fuq akkuzi dwar ir-reati kommessi u rilevanti ghal din l-organizazzjoni kriminali."**

Illi il-Qorti mal-ewwel tqies illi l-akkuzat ghandu ragun f'din l-eccezzjoni minnu imqanqla. Dan ghaliex kull referenza li qed issir ghal terzi persuni li mhumiex ndikati fejn qed issir referenza ukoll ghal kondotta refrattarja taghhom u cioe' illi dawn huma nies kriminali, tista' tohloq pregudizzju f'mohh min hu imsejjah biex jiggudika preventivament . Dan iktar u iktar jekk il-komplici tieghu ma ikunux xhieda ammissibbli fl-eventwalita illi l-proceduri penali fil-konfront taghhom jkun ghadu ma giex terminat. Di piu' qed issir referenza ghall- antecedenti penali taghhom li ma hijiex riflessa fil-provi. Mhux biss illi bil-fatt illi l-Avukat Generali qed isemmi li dawn in-nies huma ukoll mixlija bl-istess reati bhal dawk addebitati lill-akkuzat, donnu qed jaghti x'jifhem illi dawn huma kwazi ikkundannati u ghalhekk certament ma jistax ikun hemm dubbju illi tali affermazzjoni timmina r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja billi tattakka direttament l-principju kardinali tal-presunzjoni ta'l-innocenza ta' kull min jinsab mixli bi proceduri penali

[1] Ir-Repubbblika ta' Malta vs Stiano Agius et – 09/01/2014 App.Sup.

biex b'hekk qed jigi implikat illi allura b'dan il-fatt donnu l-akkuzat ghandu jkun hati tar-reat lilu addebitat ukoll. Illi allura hija il-fehma ta' din il-Qorti illi dan il-bran ghandu jitnehha.

**<u>It-Tieni Eccezzjoni</u>**

Dina l-eccezzjoni hija immirata lejn it-tieni, it-tielet, ir-raba, l-ghaxar u it-tnax-il kap ta'l-Att ta'l-Akkuza. L-Avukat Generali fil-parti narrattiva ta' dawn il-Kapi ta'l-Akkuza jindika illi l-akkuzat kien kompartecipi fir-reat tal-hold up billi hu kien jinsab gewwa l-bank fil-hin tal-kummissjoni tad-delitt flimkien mal-komplici tieghu. Jishaq illi dawn il-fatti ma mhumiex riflessi fil-provi ikkumpilati fl-istruttorja, liema provi ipoggu lill-akkuzat barra l-bank u mhux gewwa biex b'hekk tinbidel il-figura kriminuza ta'l-akkuzat minn dak ta' komplicita fil-kummissjoni ta'l-istess ghall-hekk imsejjah "an accessory after the crime" li allura ma ghandux jitqies bhala komplici fil-kummissjoni ta'l-istess.

Illi b'din l-eccezzjoni minnu intentata l-akkuzat qieghed isejjah lil din il-Qorti sabiex f'dan l-istadju ta'l-eccezzjonijiet taghmel apprezzament tal-provi billi huwa qieghed jitlob sabiex issir evalwazzjoni minn din il-Qorti dwar fatti partikolari li jemergu mill-atti kumpilatorji u cioe' dwar jekk dawk il-provi ippoggux lill-figura ta'l-akkuzat bhala komplici fil-kummissjoni tal-hold-up fuq il-bank HSBC f'Hal Qormi bhala wiehed mit-tlett malviventi li dahhlu gewwa il-bank, jew inkella bhala wiehed minn dawk li kienu qed jistennew lil dawn il-malviventi barra il-bank sabiex b'hekk setghet issir il-harba minn fuq il-post bl-assistenza ta' dawn in-nies. Dan ma huwiex hlief apprezzament ta' fatti li hemm fil-kumpilazzjoni, li ma huwiex fil-manzjoni ta' din il-Qorti issa fi stadju ta'l-eccezzjonijiet izda huwa rimess biss f'idejn il-gurija li ghandha tiggudika fuq il-fatti tal-kaz u l-provi li jingiebu quddiemha.

*"Fl-istadju ta' l-eccezzjonijiet preliminari l-Qorti Kriminali ma taghmilx apprezzament tal-provi kollha migjuba fil-kors tal-kumpilazzjoni biex tara jekk prova partikolari tirrizultax sodisfacentement jew le; din hija haga merament ta' prova messa ultimament f'idejn min irid jiddeciedi dwar il-provi.*[2]*"*

Dan ghaliex *"**l-artikolu 435 (1) tal-Kodici Kriminali dejjem inghata l-interpretazzjoni illi ghall-fini ta' l-istess ikun sufficjenti jekk ir-reat li jkun jifforma s-sostanza ta' l-att ta' l-akkuza jkun jirrizulta imqar mir-rapport guramentat tal-prosekutur quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Il-kumplament, cjoe' dwar jekk ikunx jirrizulta ukoll mill-provi u dokumenti li jkunu ngabbru fil-kumpilazzjoni, dejjem gie ritenut li dik hija materja li eventwalment tid tigi riservata ghal min ghandu jiggudika fuq il-fatti, fil-kaz tal-Qorti Krimnali, il-gurati***[3]*."*

Dawk il-fatti li l-Avukat Generali jislet mill-atti kumpilatorji sabiex fuqhom jibni l-parti narrattiva ta'l-att ta'l-akkuza bl-ebda mod ma jorbtu lil min hu ismejjah biex jiggudika u l-gurija popolari dejjem tigi imwissija ghaldaqstant mill-imhallef togat, kif hekk ghandu isir ukoll f'dan il-kaz. Ghal dawn il-motivi anke din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

**<u>It-Tielet Eccezzjoni</u>**

Din it-tielet eccezzjoni hija marbuta mas-sitt, is-seba', it-tmien u id-disa' Kap ta'l-Att ta'l-Akkuza fejn ir-reat addebitat lill-akkuzat f'dawn il-kapi huwa dak tal-hsara volontarja. Dan ghaliex jishaq illi gjaldarba l-akkuzat qed jigi mixli fil-hames kap bir-reat iktar gravi tat-tentattiv ta'l-omicidju meta allegatament spara fid-direzzjoni tal-pulizija barra il-bank, kwindi hija nieqsa l-intenzjoni pozittiva diretta illi huwa jaghmel hsara u semmai messu gie mixli bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 328(d) tal-Kap.9.li jitkellem dwar il-hsara

[2] Ir-Repubblika ta' malta vs Charles Steven Muscat – deciza App.Sup.13/05/1998
[3] Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Zammit et – deciza App.Sup. 31/07/1998

involontarja. Fil-fehma tieghu dawn semmai setghu gew imressqa mill-Avukat Generali bhala kapi alternattivi ghal xulxin u cioe' dak ta'l-omicidju u l-iehor tal-hsara volontarja billi jekk l-intenzjoni ta'l-akkuzat kienet dik biss illi jaghmel hsara allura tkun nieqsa l-intenzjoni pozittiva u diretta tal-qtil.

Illi l-Qorti terga ittenni illi tali affermazzjoni tista' issib biss konfort mill-provi u dan mhux ta'l-atti kumpilatorji izda minn dawk il-provi li jistghu jingiebu fil-kors tal-guri u li iridu jigu decizi mill-gurati u mhux minn din il-Qorti. Dwar min kienet il-persuna jew persuni li sparaw, b'liema intenzjoni sehhew dawk l-isparaturi, f'liema direzzjoni gew sparati, jekk l-isparar sarx lejn persuna jew oggett partikolari jew inkella kienx sparar bl-addocc, u fejn sehhet dik il-hsara huma kollha kwistjonijiet ta' fatti rimessi ghal gudizzju tal-gurija popolari. Ukoll jekk akkuza hijiex alternattiva ghas-sejbien ta' htija f'akkuza ohra, ukoll din necessarjament trid tigi deciza mill-gurati. Dan ghaliex:

***"An indictment may contain counts in which the allegations made in one count are inconsistent with the allegations made in another count. In such a case, both counts may properly be pursued and left to the jury as alternatives if there is a case to answer made out on each. It is then for the jury to decide which, if either, of the counts is made out: R. v. Bellam [1989] A.C. 836, HL (Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice 2001, para. 1-113a, p. 54)***

***"Meta l-Kodici jitkellem dwar x'ghandu jkun fih l-Att ta' Akkuza – Artikolu 589 – hu evidenti li hawn il-legislatur qed jikkontempla Att ta' Akkuza li jkun fih akkuza ta' reat wiehed biss. In fatti l-paragrafu (c) tal-imsemmi Artikolu 589 jitkellem dwar "il-fatt li jikkostitwixxi r-reat", u l-paragrafu (d) juza l-kliem "... l-imputat jigi akkuzat tar-reat kif migjub jew imfisser fil-ligi" 1 . Hija prassi inveterata fil-Qorti Kriminali li jekk fl-Att ta' Akkuza l-Avukat Generali jrid jakkuza lil persuna b'aktar minn reat wiehed, huwa jaqsam l-Att ta' Akkuza f'daqstant kapi daqs kemm ikun hemm reati li bihom ikun qed jakkuza, u dan irrispettivament minn jekk l-akkuzi jkunux konnessi o meno ma' xulxin fis-sens tal-Artikolu 592. Wiehed jista' jghid, u***

*din il-Qorti qieghda f'dan is-sens tafferma, li kemm il-prassi kif ukoll il-gurisprudenza stabbilew li dik il-parti tal-Artikolu 593(1) tal-Kodici Kriminali li tghid li ... l-att ta' l-akkuza ghandu jinqasam f'diversi kapi, u f'kull wiehed minnhom ghandha tithares id-disposizzjoni ta' l-artikolu 589 tapplika mhux biss meta r-reati ma jkunux konnessi izda anke meta jkunu hekk konnessi. Kieku ma kienx hekk, u kieku l-Avukat Generali jista' jakkuza lil persuna b'aktar minn reat wiehed minghajr ma jaqsam l-Att ta' Akkuza f'diversi kapi, mhux biss jista' l-akkuzat jigi pregudikat fid-difiza tieghu, izda jkun kwazi impossibbli li wiehed japplika sew l-Artikolu 467 tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar kif il-gurati ghandhom jaghtu l-verdett taghhom. ...*

*Minn dan kollu jitnissel li kull kap hu indipendenti minn kull kap iehor, tant li jista' jkollok addirittura kapi li jikkontradicu lil xulxin."*

*Din il-Qorti taghmilha cara li f'dana l-istadju ma hi b'ebda mod qed torbot idejn il-Qorti Kriminali dwar kif dik il-Qorti ghandha tittratta maz-zewg kapi in ezami – it-tieni u t-tielet kap – u cioe` jekk dawn ghandhomx jitqiesu bhala alternattivi o meno. Jekk dawn ghandhomx hekk jitqiesu hija kwistjoni li ghadha miftuha, u li din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddecidiha f'dana l-istadju.[4]"*

Afferrati dawn il-principji legali u dottrinali, din il-Qorti qieghda tichad din l-eccezzjoni bir-riserva illi jekk ikun il-kaz, tinghata direzzjoni opportuna lill-gurati fit-termini ta'l-artikolu 467 tal-Kodici Kriminali.

**Ir-Raba Eccezzjoni**

Illi l-akkuzat f'din l-eccezzjoni minnu imqanqla iqies illi l-Avukat Generali ma messu qatt akkuzah bir-reati ta' serq ta' vetturi u/jew pjanci ta' registrazzjoni tal-vetturi, kif ukoll tal-hsara volontarja taghhom billi dawn l-akkuzi ma humiex sorretti mill-provi izda huma biss frott l-imaginazzjoni tal-pulizija.

[4] Ir-Repubblika ta' Malta vs Laurence Gatt omissis – 22/05/2003 App.Sup

Illi fir-rigward ta' din l-eccezzjoni immirata lejn it-tlettax, erbatax, hmistax, sittax, sbatax, tmintax, dsatax, tlieta u ghoxrin, erbgha u ghoxrin, hamsa u ghoxrin, sitta u ghoxrin u sebgha u ghoxrin kap ta'l-att ta'l-akkuza.din il-Qorti a skans ta' repetizzjoni taghmel referenza ghal motivazzjonijiet li sawwru id-decizjoni taghha fir-rigward tat-tieni eccezzjoni.

Illi l-vetturi u l-pjanci ta' registrazzjoni indikati f'dawn il-kapi jirrizulta mill-investigazzjonijiet li kienu kollha misruqa u b'xi mod jew iehor gew uzati fil-hold-ups mertu tal-kaz fejn allura l-akkuzat qed jigi mixli li kien ko-awtur fil-kummissjoni ta'l-istess. Bl-istess mod huwa qed jigi mixli bhala ko-awtur fis-serq ta' dawn il-vetturi u pjanci ta' registrazzjoni.hekk uzati fil-kors tal-kummissjoni ta' dawn ir-reati. Issa jekk l-akkuzat kienx involut kemm bhala awtur wahdu jew bhala ko-awtur ma' haddiehor fil-kummissjoni ta' dawn ir-reati hija ukoll kwistjoni ta' fatt li irid jigi determinat mill-gurija popolari. Issa jekk dawn kenux biss frott l-imaginazzjoni tal-pulizija u allura jirrizulta illi ma humiex soretti mill-provi hija f'idejn il-gurati u hadd iktar. Din l-eccezzjoni ukoll qed tigi michuda.

**Il-hames u l-ahhar eccezzjoni – l-inammissibbilita' tax-xhieda ta' PC99 Mario Portelli billi din tikkostitwixxi hearsay evidence kollha kemm hi.**

Issa, l-artikoli relevanti dwar il-*Hearsay Rule* huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9:

> **"598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.**
>
> **"(2) Il-qorti tista', *ex officio*, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.**

**"(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.**

**"599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jistax jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, taż-żwieġ, tal-mewt, tal-assenza, ta' servitu', ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd."**

**15.** Fis-sentenza tagħha ta' l-24 ta' Ottubru 2011 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi**, il-Qorti Kriminali ċaħdet l-eċċezzjonijiet ta' inammissibilita` wara li kkunsidrat:

**"Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-*hearsay rule* f'kawżi ta' natura kriminali huwa *Subramaniam v. Public Prosecutor* fejn insibu dan il-kliem:**

***"'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its***

*truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'*

**"Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-*hearsay rule* fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il-każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali.**

**"Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun *hearsay*, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi eskluża fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.**

**"F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu l-prattika dwar il-*hearsay rule*. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja[5]). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:**

**"'Fil-limiti tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorrenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova *hearsay* ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 ta'**

[5] Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja**, 26 ta' Mejju 2005: "Kwantu ghax-xiehda ta' Clarissa Cachia l-ewwel Qorti kienet ċara meta spjegat li l-kontenut ta' dak li qalet lill-Pulizija, fl-assenza tax-xiehda diretta tagħha, ma kienx jagħmel prova la kontra u lanqas favur l-akkużat. Mill-banda l-oħra spjegat korrettement li ċ-ċirkostanza li qalet ċertu diskors setgħet tittieħed bhala ċirkostanza li tikkorrobora dak li seta' qal ħaddieħor."

**April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mis-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri)."**

**16.** Fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Lulju 2012 fl-istess ismijiet **Ir-Republika ta' Malta v. Mario Azzopardi** mbagħad din il-Qorti kienet ikkummentat hekk:

> **"18. … Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi *hearsay evidence* iżda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun *hearsay evidence* u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx *hearsay evidence* u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra. Huma għal dawn ir-raġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża *a priori* iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skont iċ-cirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess. …..**
> (sottolinjar tal-Qorti)
>
> **21. Iżda huwa proprju għalhekk li l-proċess tal-ġuri huwa presedut mill-Imħallef togat sabiex dan jassigura li tali abbuż ma jsirx. L-abbuż hu possibbli għar-rigward ta' kull regola legali tal-**

**evidenza iżda dan ma jfissirx li minħabba tali possibilita` ta' abbuż dik ir-regola għandha tiġi skartata. Ir-rimedju hu dak li pprovdiet il-liġi u ċioe` li l-Imħallef li jkun jippresjedi l-ġuri ma jħallix l-abbuż jiġri suġġett dejjem għas-salvagward aħħari tad-dritt tal-appell tal-akkużat fl-eventwalita` li l-Imħallef jonqos milli jeżerċita sew is-setgħat tiegħu skont il-liġi."**

Huwa bil-wisq evidenti minn dawn ir-regoli ta' dritt u ta' taghlim gurisprudenzjali illi sta ghall-Imħallef togat waqt il-ġuri biex jara illi ma jsirx abbuż fit-termini tas-sentenza precitata billi jikkontrolla x-xhieda u jispjega lill-ġurati r-regoli tal-*hearsay* kif indikat f'dik is-sentenza. Kwindi jekk dak li ser jixhed ix-xhud PC99 Mario Portelli huwiex "herasay" o meno irid jigi stabbilit biss fil-mument illi dan ix-xhud jiehu il-pedana tax-xhieda u jiddeponi u jekk jirrizulta dan il-fatt allura l-gurija ghandha tinghata d-direzzjoni opportuna. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-akkuzat, b'dan pero' illi fl-ewwel lok ghandha issir korrezzjoni fl-Ewwel Kap ta'l-Att ta'l-Akkuza u dan fil-parti akkuzatorja taghha fejn wara l-kliem: "Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuza lil Fabio Psaila, recidiv f'delitt hati talli .." ghandhom jidhlu il-kliem "**<u>fil-21 ta' Novembru 2010 u fis-sena qabel din id-data,</u>** kif ukoll ghandhom **<u>jithassru il-kliem</u>** f'dik il-parti fin-narrattiva ta'l-Ewwel kap ta'l-Att ta'l-Akkuza li jinsab mil-linja 9, tat-tieni paragrafu fl-ewwel folja:

**"Apparti minn hekk l-akkuzat kien jiffrekwenta persuni li kienu involuti fil-kriminalita u li sussegwentement gew ukoll mixlija l-Qorti fuq akkuzi dwar ir-reati kommessi u rilevanti ghal din l-organizazzjoni kriminali."**

Tiddifferixxi l-kawza *"sine die"*, sakemm ikun maghruf l-ezitu ta' xi appell eventwali, u jekk ma jkunx hemm tali appell, sakemm il-kawza jmissha t-turn taghha biex tinstema' minn din il-Qorti bil-gurati.

Sadattant l-akkuzat jibqa' fl-istess stat li huwa llum ghar-rigward tal-liberta' provizorja.

(ft) Edwina Grima.
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur